C/2024/1989

12.3.2024

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(C/2024/1989)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

"Bingöl Balı"

Nru tal-UE: PDO-TR-02886 – 5.1.2023

DOP (x) IĠP ( )

1. Isem/Ismijiet

"Bingöl Balı"

2. Stat Membru jew pajjiż terz

It-Turkija

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.4. Prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti mill-ħalib għajr butir, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Il-"Bingöl Balı" huwa għasel poliflorali miksub miż-żona ġeografika speċifikata fit-Taqsima 4. Il-kulur tiegħu jista' jvarja minn ambra ċar għal ambra skur. Jiġi kkummerċjalizzat bħala xehda u għasel estratt. Fil-produzzjoni, jintużaw ir-razez tan-naħal *Apis mellifera* anatoliaca, *A. mellifera* caucasica, *A. mellifera* meda u l-ibridi tagħhom.

Il-karatteristiċi tal-għabra tad-dakra tal-"Bingöl Balı" huma kif ġej:

i) L-għabra tad-dakra għandha tinkludi mill-inqas waħda mill-unitajiet tassonomiċi relatati *Astragalus* sp. (milkvetch), *Centaurea* sp. (ċentawrja), *Hypericum* sp. (fexfiex), *Trifolium* sp. (xnien) u *Xeranthemum* sp. (immortali jew dejjiema annwali),

ii) L-għabra tad-dakra għandha wkoll tkun konformi mal-ispettru tal-għabra tad-dakra elenkat fit-Tabella 2 (il-preżenza tal-unitajiet tassonomiċi tal-għabra tad-dakra kollha elenkati flimkien ma hijiex meħtieġa).

Tabella 1

Karatteristiċi fiżikokimiċi tal-"Bingöl Balı"

Karatteristika	Valur
Umdità (% massimu)	18 %
Sukrożju (g/100 g; massimu)	3 g/100 g
Fruttożju+Glukożju (g/100 g; minimu)	65 g/100 g
Fruttożju/Glukożju	1,00-1,30
Maltożju (% massimu)	4 %

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1151/oj

Sustanza li ma tinħallx fl-ilma (g/100 g; massimu)	0,1 g/100 g
Aċidità libera (meq/kg; massimu)	40 meq/kg
Konduttività elettrika (mS/cm; massimu)	0,8mS/cm
Numru ta' dijastażi (minimu)	15
HMF (mg/kg; massimu)	20mg/kg
$\delta^{13}C_{ghasel}$	- 23 jew inqas
$\delta^{13}C_{proteina} - \delta^{13}C_{ghasel}$	– 1,0 jew ogħla
$C_{4\ zokkrijiet}$ (massimu)	7 %
Prolina (mg/kg; minimu)	450

Tabella 2

Karatteristiċi melissopalinoloġiċi tal-"Bingöl Balı"

	Unità tassonomika	Familja	Kontenut tal-Għabra tad-Dakra (Primarju: ≥ 45 %, Sekondarju: 16 - 44 %, Minuri: 3 - 15 %, Traċċa: <3)
1.	*Acanthus* sp.	Acanthaceae	Minuri, traċċa
2.	*Sambucus* sp.	Adoxaceae	Minuri, traċċa
3.	*Allium* sp.	Amaryllidaceae	Minuri, traċċa
4.	*Rhus* sp.	Anacardiaceae	Minuri, traċċa
5.	Apiaceae	Apiaceae	Traċċa
6.	*Chaerophyllum* sp.	Apiaceae	Traċċa
7.	*Eryngium campestre*	Apiaceae	Sekondarju, minuri, traċċa
8.	*Pimpinella* sp.	Apiaceae	Primarju, traċċa
9.	*Achillea* sp.	Asteraceae	Minuri, traċċa
10.	*Anthemis* sp.	Asteraceae	Traċċa
11.	*Artemisia* sp.	Asteraceae	Sekondarju, traċċa
12.	*Carduus* sp.	Asteraceae	Traċċa
13.	*Cichorium* sp.	Asteraceae	Sekondarju, minuri, traċċa
14.	*Cirsium* spp.	Asteraceae	Minuri, traċċa
15.	*Cirsium yildizianum*	Asteraceae	Sekondarju, traċċa
16.	*Crepis* sp.	Asteraceae	Sekondarju, minuri, traċċa
17.	*Echinops* sp.	Asteraceae	Minuri, traċċa
18.	*Gundelia* sp.	Asteraceae	Traċċa
19.	*Helichrysum* sp.	Asteraceae	Primarju, sekondarju, minuri, traċċa
20.	*Leontodon* sp.	Asteraceae	Traċċa
21.	*Onopordum* sp.	Asteraceae	Traċċa
22.	*Ptilostemon* sp.	Asteraceae	Traċċa
23.	*Senecio* sp.	Asteraceae	Traċċa

24.	*Taraxacum* sp.	Asteraceae	Minuri, traċċa
25.	*Xanthium* sp.	Asteraceae	Traċċa
26.	*Alkanna* sp.	Boraginaceae	Traċċa
27.	*Anchusa* sp.	Boraginaceae	Traċċa
28.	*Cerinthe minor*	Boraginaceae	Traċċa
29.	*Echium* sp.	Boraginaceae	Minuri, traċċa
30.	*Myosotis* sp.	Boraginaceae	Minuri, traċċa
31.	*Onosma* sp.	Boraginaceae	Traċċa
32.	*Campanula* sp.	Campanulaceae	Minuri, traċċa
33.	*Campanula* sp.	Campanulaceae	Minuri, traċċa
34.	*Cephalaria* sp.	Caprifoliaceae	Minuri, traċċa
35.	*Dipsacus* sp.	Caprifoliaceae	Traċċa
36.	*Scabiosa* spp.	Caprifoliaceae	Traċċa
37.	*Valeriana* sp.	Caprifoliaceae	Traċċa
38.	*Dianthus* sp.	Caryophyllaceae	Minuri
39.	*Saponaria* sp.	Caryophyllaceae	Traċċa
40.	*Silene* sp.	Caryophyllaceae	Traċċa
41.	Caryophyllaceae/ Amaranthaceae	Caryophyllaceae/ Amaranthaceae	Sekondarju, minuri, traċċa
42.	*Chenopodium* sp.	Chenopodiaceae	Minuri, traċċa
43.	*Convolvulus* sp.	Convolvulaceae	Sekondarju, traċċa
44.	*Cornus* sp.	Cornaceae	Traċċa
45.	*Sedum* sp.	Crassulaceae	Minuri,
46.	*Eleagnus* sp.	Eleagnaceae	Traċċa
47.	*Euphorbia* sp.	Euphorbiaceae	Traċċa
48.	*Coronilla* sp.	Fabaceae	Minuri, traċċa
49.	*Genista* sp.	Fabaceae	Traċċa
50.	*Hedysarum* sp.	Fabaceae	Minuri, traċċa
51.	*Lathyrus* sp.	Fabaceae	Traċċa
52.	*Lotus* sp.	Fabaceae	Primarju, sekondarju, minuri, traċċa
53.	*Medicago* sp.	Fabaceae	Minuri
54.	*Melilotus* sp.	Fabaceae	Sekondarju, minuri, traċċa
55.	*Onobrychis* sp.	Fabaceae	Traċċa
56.	*Robinia pseudoacacia*	Fabaceae	Traċċa
57.	*Securigera* sp.	Fabaceae	Minuri
58.	*Vicia* spp.	Fabaceae	Traċċa

59.	Geranium sp.	Geraniaceae	Traċċa
60.	Lamiaceae	Lamiaceae	Minuri, traċċa
61.	*Lamium macrodon*	Lamiaceae	Sekondarju, minuri
62.	*Lamium* sp.	Lamiaceae	Primarju, sekondarju, minuri, traċċa
63.	*Marrubium* sp.	Lamiaceae	Traċċa
64.	*Mentha* sp.	Lamiaceae	Traċċa
65.	*Nepeta* sp.	Lamiaceae	Traċċa
66.	*Origanum* sp.	Lamiaceae	Minuri, traċċa
67.	*Phlomis* sp.	Lamiaceae	Minuri, traċċa
68.	*Salvia* sp.	Lamiaceae	Traċċa
69.	*Teucrium* sp.	Lamiaceae	Minuri, traċċa
70.	*Thymus* spp.	Lamiaceae	Traċċa
71.	*Lythrum salicaria*	Lythraceae	Minuri, traċċa
72.	*Alcea* sp.,	Malvaceae	Traċċa
73.	*Malva* sp.	Malvaceae	Traċċa
74.	*Tilia* sp.	Malvaceae	Traċċa
75.	*Morus* sp.	Moraceae	Traċċa
76.	*Epilobium* sp.	Onagraceae	Traċċa
77.	*Corydalis* sp.	Papaveraceae	Traċċa
78.	*Papaver* sp.	Papaveraceae	Traċċa
79.	*Linaria* sp.	Plantaginaceae	Minuri, traċċa
80.	*Plantago lanceolata*	Plantaginaceae	Primarju, sekondarju, minuri, traċċa
81.	*Acantholimon* sp.	Plumbaginaceae	Traċċa
82.	*Polygala* sp.	Polygalaceae	Traċċa
83.	*Polygonum* sp.	Polygonaceae	Traċċa
84.	*Rheum* sp.	Polygonaceae	Traċċa
85.	*Rumex* sp.	Polygonaceae	Traċċa
86.	*Portulaca* sp.	Portulacaceae	Traċċa
87.	*Lysimachia* sp.	Primulaceae	Traċċa
88.	*Ranunculus* sp.	Ranunculaceae	Traċċa
89.	*Paliurus spina christi*	Rhamnaceae	Traċċa
90.	*Cerasus* sp.	Rosaceae	Traċċa
91.	*Filipendula* sp.	Rosaceae	Minuri, traċċa
92.	*Fragaria* sp.	Rosaceae	Traċċa
93.	*Potentilla* sp.	Rosaceae	Sekondarju, minuri, traċċa

94.	*Prunus* sp.	Rosaceae	Traċċa
95.	*Pyrus* sp.	Rosaceae	Traċċa
96.	*Rosa canina*	Rosaceae	Minuri, traċċa
97.	Rosaceae	Rosaceae	Sekondarju, minuri, traċċa
98.	*Rubus* sp.	Rosaceae	Traċċa
99.	*Sanguisorba* minuri	Rosaceae	Minuri, traċċa
100.	*Galium* sp.	Rubiaceae	Minuri, traċċa
101.	*Citrus* sp.	Rutaceae	Minuri, traċċa
102.	*Salix* sp.	Salicaceae	Minuri, traċċa
103.	*Verbascum* spp.	Scrophulariaceae	Primarju, sekondarju, minuri, traċċa
104.	*Eremurus* sp.	Xanthorrhoeaceae	Traċċa

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

L-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-preparazzjoni jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

L-għasel jinbiegħ f'vażetti tal-ħġieġ ta' piż massimu ta' 1 kg.

L-għasel tax-xehda jinbiegħ f'imballaġġi rettangolari, kwadri jew bil-kisi ta' piż ta' 3-5 kg, xierqa biex jiġu f'kuntatt mal-ikel.

L-għasel għall-bejgħ irid ikun protett mid-dawl tax-xemx dirett u jrid jinħażen f'postijiet nodfa u xotti b'temperatura interna li ma taqbiżx l-20 °C, mingħajr irwejjaħ.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

L-isem "Bingöl Balı", u wieħed mil-logos li ġejjin tal-"Bingöl Balı" jrid ikun fuq l-imballaġġ tal-prodott.





4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika demarkata tkopri l-irħula u l-ibliet kollha li jappartjenu għall-provinċja ta' Bingöl fl-Anatolja tal-Lvant fit-Turkija.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini tal-"Bingöl Balı" hija bbażata biss fuq il-kwalità u fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott, li jirriżultaw mill-fatturi naturali u umani preżenti fiż-żona ġeografika.

Speċifiċità taż-żona ġeografika

Il-provinċja ta' Bingöl hija mdawra bil-muntanji. L-unitajiet morfoloġiċi ewlenin huma plateaux vulkaniċi f'elevazzjonijiet differenti f'żoni muntanjużi madwar il-provinċja, widien iffurmati minn nixxigħat li jaqsmu ż-żoni muntanjużi u li joqogħdu fuq il-linji tal-qasmiet, u pjanuri u baċiri li ffurmaw minħabba attività tettonika fost il-mases muntanjużi. L-altitudnijiet u r-riżalti li jinbidlu fuq distanzi qosra jwasslu għal diversità fit-topografija, fl-elementi klimatiċi u fil-veġetazzjoni.

Il-flora taż-żona ġeografika hija rikka bis-saħħa tax-xita annwali u tal-għadd kbir ta' ġranet xemxin f'Bingöl. Il-ballut (*Quercus petraea subsp. pinnatiloba* (K.Koch) Menitsky u *Quercus libani Oliv.*) jifformaw il-kopertura dominanti fiż-żoni tal-foresti. Fiż-żoni tal-isteppa, l-ispeċi ta' milkvetch *Astragalus muschianus* Kotschy & Boiss. ex Boiss. u *Astragalus gummifer Labill.* huma abbundanti.

Peress li l-għoli medju tal-plateaux huwa ta' 1 500-2 000 m, il-perjodu tas-sajf huwa frisk u l-perjodu tal-fjoritura jdum iżjed. Dan iwassal għall-formazzjoni ta' siti naturali għall-bejtiet li jistgħu jintużaw minn Ġunju sa Ottubru f'termini ta' attivitajiet tat-trobbija tan-naħal, u jipprovdi wkoll id-disponibbiltà ta' żoni lokali kennija għat-trobbija tan-naħal.

In-nuqqas ta' intrapriżi tal-industrija peżanti f'Bingöl żgura li r-riżorsi tal-ħamrija u tal-ilma jibqgħu nodfa.

Speċifiċità tal-prodott

Il-provinċja ta' Bingöl għandha post importanti għall-attivitajiet tat-trobbija tan-naħal f'termini tal-pożizzjoni ġeografika tagħha, il-kundizzjonijiet naturali u l-valuri tal-produzzjoni tagħha. Il-provinċja ta' Bingöl, li tinsab fil-Lvant tad-Dijagonali Anatoljan fir-reġjun tal-flora Iranjan-Turaniża, għandha topografija distinta meta mqabbla mar-reġjun usa' u mal-pajjiż, u għandha potenzjal kbir għat-trobbija tan-naħal minħabba d-diversità floristika rikka tagħha u l-firxa wiesgħa tal-perjodi tal-fjoritura tal-pjanti li jinsabu fiha. Għal din ir-raġuni, il-provinċja ta' Bingöl għandha diversità rikka ta' pjanti u rata għolja ta' endemiżmu. Hemm madwar 1 700 speċi ta' pjanti, li 300 minnhom huma endemiċi għal Bingöl. Barra minn hekk, aktar minn 200 unità tassonomika ta' pjanti ġew irreġistrati bħala pjanti tan-naħal b'analiżijiet melissopalinoloġiċi. Il-familji ewlenin tal-pjanti fost dawn il-pjanti tan-naħal huma l-Asteraceae (il-familja tal-margeriti), il-Fabaceae (il-familja tal-legumi) u l-Hypericaceae (il-familja tal-fexfiex). Din id-diversità tal-fjuri hija riflessa b'mod ovvju fl-oriġini botanika tal-"Bingöl Balı".

Botanikament, il-"Bingöl Balı" huwa kkaratterizzat mill-kontenut rikk tiegħu ta' għabra tad-dakra, inkluża l-preżenza ta' mill-inqas wieħed mill-unitajiet tassonomiċi relatati *Astragalus* sp. (milkvetch), *Centaurea* sp. (ċentawrja), *Hypericum* sp. (fexfiex), *Trifolium* sp. (xnien) u *Xeranthemum* sp. (immortali jew dejjiema annwali), u ta' wħud mit-tipi ta' għabra tad-dakra indikati fit-Tabella 2 tal-punt 3.2.

Fattur uman

L-attivitajiet tat-trobbija tan-naħal, li twettqu għal ħafna snin fil-provinċja ta' Bingöl, huma sors importanti ta' introjtu għaż-żona ġeografika.

L-attivitajiet tat-trobbija tan-naħal fil-biċċa l-kbira tagħhom jitwettqu fil-forma ta' trobbija tan-naħal migratorja. L-attivitajiet tat-trobbija tan-naħal jibdew fil-bidu ta' Marzu, bl-indukrar tal-kolonji tan-naħal u t-tmigħ tagħhom matul ix-xitwa, u bl-immaniġġjar tar-reġina tan-naħal. Din il-preparazzjoni tkompli sa nofs Mejju. In-naħħala jistgħu jirrilokaw in-naħal tagħhom fiż-żona ġeografika f'Mejju, skont ir-rata tal-fluss tan-nektar.

Il-bidla fil-post tan-naħal tiddependi l-aktar fuq l-altitudni. Il-veġetazzjoni ssir aktar skarsa minn altitudni ta' 1 100 m 'l fuq, u b'hekk in-naħal jiċċaqalqu għal altitudni ta' 1 900 m u ogħla, 3–4 km 'il boghod mill-abitazzjonijiet, lejn sorsi tal-ilma naturali u żoni bi fluss abbundanti ta' nektar u għabra tad-dakra.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

—